MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 1935/1995/1

**Nicola Ciantar & Sons Limited**

**v.**

**General Provisions Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fis-17 ta' Novembru 1995 li tghid hekk:

"Peress illi s-socjeta` attrici hija detentrici ta' elf (1000) sehem fis-socjeta` konvenuta;

“Peress illi s-socjeta` konvenuta giet kostitwita bil-ghan principali li jigu protetti u promossi l-interessi tal-azzjonisti taghha bhala *wholesalers* ta’ prodotti alimentari;

“Peress illi l-promuturi tas-socjeta` konvenuta, li ghadhom l-azzjonisti attwali, kkunsidraw li l-importazzjoni kollettiva ta’ alimentari kienet tkun ta’ beneficcju ghalihom kemm individwalment kif ukoll bhala grupp stante li x-xiri f’ammonti kbar kien jghin biex il-prezzijiet jitbaxxew u biex b’hekk jigi evitat indhil governattiv, u fl-istess hin jizdied il-bejgh;

“Peress illi dawn l-oggettivi [recte: objettivi] gew attwati billi giet kostitwita s-socjeta` konvenuta u billi sar ftehim bejn is-socjeta` intimata u l-membri (fosthom is-socjeta` attrici) fis-sens li s-socjeta` konvenuta kellha tipprokura offerti ghall-prodotti mehtiega mill-membri individwalment u tqieghed l-istess offerti quddiem il-membri sabiex huma jaghmlu l-ordnijiet taghhom skond in-necessitajiet taghhom individwali;

“Peress illi ghall-bidu din is-sistema thaddmet tramite laqghet apposta kull ftit gimghat u wara, sal-lum, anki tramite ic-cirkolazzjoni ta’ offerti mis-socjeta` konvenuta lill-membri kollha;

“Peress illi f’dawn l-ahhar xhur is-socjeta` konvenuta ma ccirkolatx dawn l-offerti lis-socjeta` attrici, bi vjolazzjoni cara tal-ftehim bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` attrici;

“Peress illi dan l-agir baqa ghaddej nonostante ittra illegali (sic!) datata 25 ta’ Awwissu 1995 u protest gudizzjarju pprezentat fid-19 ta’ Ottubru 1995;

“Peress illi dan l-agir tas-socjeta` konvenuta qed jikkawza danni kbar lis-socjeta` attrici, li ghalihom hija responsabbli s-socjeta` konvenuta;

“Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex dina l-Qorti m’ghandiex, ghar-ragunijiet premessi:

“1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli tad-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala rizultat tal-ksur minnha tal-ftehim bejnha u s-socjeta` merkanzija, hawn fuq deskritt;

“2. Tillikwida l-imsemmija danni okkorrendo permezz tan-nomina ta’ perit jew periti;

“3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas d-danni hekk likwidati lis-socjeta` attrici;

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju pprezentat fid-19 ta’ Ottubru 1995 kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta (fol. 9) li in forza taghha eccepiet;

“1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kienet is-socjeta` attrici stess li inizjalment u minn jeddha ma baqghetx tippartecipa fil-laqghat ta’ kull nhar ta’ Erbgha li fihom kienu jigu sottomessi u diskussi l-offerti ta’ xiri fil-kors normali tan-negozju tal-kumpanija.

“2. Illi sussegwentement kienet is-socjeta` esponenti li kienet kostretta tiehu passi kontra s-socjeta` attrici minhabba atti gravi ta’ zlealta` da parte ta’ din tal-ahhar u dan billi ssospendiet il-partecipazzjoni taghha fix-xiri jew negozju u dan biex ikunu protetti ahjar l-interessi tal-istess socjeta` konvenuta.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Ottubru 2006, li in forza taghha cahdet it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra taghha;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Fic-citazzjoni s-socjeta` attrici tippremetti li hi ghandha elf (1000) sehem fis-socjeta` konvenuta u li l-istess socjeta`

konvenuta kienet giet kostitwita appuntu bil-ghan li jigu protetti u promossi l-interessi tal-azzjonisti taghha bhala *wholesalers* ta' prodotti alimentari. L-importazzjoni kollettiva ta' alimentari hi ta' beneficcju peress li l-prezzijiet jinzammu baxxi u jigi wkoll evitat indhil tal-awtoritajiet kompetenti;

"Tippremetti ukoll li kien sar ftehim bejn is-socjeta` konvenuta u l-azzjonisti taghha, fosthom is-socjeta` attrici, fis-sens li s-socjeta` konvenuta kellha tipprokura offerti ghall-prodotti mehtiega mill-membri taghha li min-naha taghhom kienu jghamlu l-ordnijiet relattivi. Is-socjeta` attrici tippremetti li fl-ahhar xhur is-socjeta` konvenuta naqset li tiehu l-ordnijiet tas-socjeta` attrici u dana bi vjolazzjoni tal-ftehim bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta ppersistiet f'dan l-agir taghha nonostante li giet interpellata anke ufficjalment. Is-socjeta` attrici tallega li dan l-agir tas-socjeta` konvenuta qed jikkawza danni kbar lill-istess socjeta attrici. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed titlob li s-socjeta` konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghal dawn id-danni u li jigu likwidati dawn l-istess danni;

"Da parti taghha s-socjeta` konvenuta qed teccepixxi li kienet is-socjeta` attrici li ma baqghetx tippartecipa fil-laqghat fejn kienu jigu sottomessi u diskussi l-offerti ta' xiri. Ghalhekk is-socjeta` eccipjenti kellha tiehu passi kontra s-socjeta` attrici minhabba atti gravi ta' zlealta` u b'hekk issospendiet il-partecipazzjoni tas-socjeta` attrici fix-xiri in kwistjoni u dana sabiex ikunu protetti ahjar l-interessi tal-istess socjeta` konvenuta;

"Jidher li s-socjeta` attrici qed tghamel din it-talba taghha ghad-danni fuq l-allegazzjoni li s-socjeta` konvenuta ma komplitx taccetta l-ordnijiet taghha u konsegwentement is-socjeta` attrici kellha tixtri il-istess prodotti in kwestjoni bi prezz oghla. Jidher li s-socjeta` konvenuta giet stabblita appuntu sabiex tiehu ordnijiet minghand il-membri taghha, fosthom is-socjeta` attrici, u wara li tigbor dawn l-ordnijiet kollha, tara minn fejn setghet takkwista il-prodotti in kwestjoni bil-prezz l-aktar baxx. F'hin minnhom is-socjeta`

konvenuta waqfet milli tiehu ordnijiet minghand is-socjeta attrici;

“F’dan ir-rigward is-socjeta` konvenuta tidher li qed tippretendi li socjeta` attrici hadet minn taht idejha l-agenzija tad-ditta Tesco u kien hemm il-possibilita` li s-socjeta` attrici tghamel l-istess fir-rigward ta’ ditti u agenziji ohra rapprezentati mis-socjeta` konvenuta.

“Jigi puntwalizzat mill-ewwel li ma jirrizultax li s-socjeta` attrici kellha xi dritt li dejjem tigi fornuta mis-socjeta` konvenuta, u li s-socjeta` konvenuta kellha l-obbligu li tibqa’ tforni lis-socjeta` attrici. F’dan ir-rigward saru diversi referenzi ghal-ftehim li kien hemm bejn il-kontentendi, pero` dan il-ftehim baqa ma giex esebit. In effett sabiex tinstab responsabilita` ghad-danni da parti tas-socjeta` konvenuta ghandu jirrizulta li jezisti xi obbligu li l-istess socjeta konvenuta kellha dejjem tforni l-prodotti rikjesti lis-socjeta` attrici. Ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm ksur ta’ xi obbligu gravanti fuq is-socjeta` konvenuta meta l-istess socjeta` konvenuta waqfet li tiehu ordnijiet minghand is-socjeta` attrici;

“Is-socjeta` konvenuta ssostni li waqfet li tiehu ordnijiet minghand is-socjeta` attrici in vista ta’ passi dixxiplinarji kontra l-istess socjeta` attrici. Jigi puntwalizzat li hawnhekk mhux qed jigi attakkat il-mod kif gew decizi dawn il-mizuri dixxiplinari. Peress li ma giex esebit il-ftehim in kwistjoni ma jistax jinghad li s-socjeta` konvenuta ma setghetx tiehu tali decizjoni. Lanqas ma gie esebit l-istatut tas-socjeta` konvenuta;

“Fid-dawl ta’ dan kollu ma tistax tinsab responsabita` da parti tas-socjeta` konvenuta. Konsegwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati;”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-ewwel Qorti u “tiehu l-provvedimenti neccessarji fic-cirkostanzi”;

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, iddikjarat li s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi konfermata bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici tippremetti li ghandha ishma fis-socjeta` konvenuta, liema socjeta` inholqot bejn tnax-il importatur lokali bl-iskop li din is-socjeta` tircievi ordnijiet minghand l-istess importaturi, sabiex hi tiehu hsieb l-importazzjoni kollettiva tal-prodotti u tkun tista' tinsisti ghal prezzijiet baxxi, u sabiex ukoll tigi evitata burokrazzija zejda lokalment filwaqt tal-importazzjoni. Is-socjeta` attrici tilmenta li wara xi zmien is-socjeta` konvenuta ma baqghetx taccetta ordnijiet minghandha u eskluditha mit-tmexxija tal-istess kumpanija.

Il-kumpanija konvenuta targumenta li dan sehh peress li s-socjeta` attrici kisret il-ftehim u agixxiet bi zlealta` bejn shaba l-azzjonisti l-ohra.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici wara li qieset li ma setghetx tikkunsidra l-argumenti tas-socjeta` attrici peress li l-ftehim li kien sar bejn l-importaturi lokali qatt ma gie esebit fil-kawza u allura ma kienitx f'posizzjoni tevalwa jekk gewx miksura xi kondizzjonijiet tal-istess ftehim.

Is-socjeta` attrici appellat bl-aggravju jkun li l-ewwel Qorti kellha tistharreg il-meritu tal-kwistjoni peress li, bhala fatt, l-ezistenza tal-ftehim kien gie pruvat u mhux iddubitat minn ebda naha.

Din il-Qorti tara li ghandha taqbel mal-posizzjoni li hadet l-ewwel Qorti. Hu obbligu tal-parti li tfittex rimedju fil-qrati li tesebixxi d-dokumenti kollha rilevanti ghall-kaz taghha, aktar u aktar, meta, bhal f'dan il-kaz, l-argumenti tas-socjeta` attrici striehu kollha fuq il-ftehim li sehh bejnha u

l-importaturi lokali l-ohra. Ghalkemm hemm qbil li sar ftehim fis-sens indikat u l-iskop generali tal-ftehim kien biex jigu protetti u promossi l-interessi tal-importaturi azzjonisti, ma jirrizultax x'inhuma l-kondizzjonijiet tal-ftehim u l-implikazzjonijiet tal-istess.

Is-socjeta` tilmenta li, wara xi zmien, is-socjeta` konvenuta ma bdietx tacetta ordnijiet minghandha u lanqas ma kompliet tghadilha kopja tal-ordnijiet li jkunu ghamlu azzjonisti ohra; pero`, ghalkemm jirrizulta li dan kien isir qabel, ma jirrizultax taht liema kondizzjonijiet dan kellu jsir mis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici tippretendi li s-socjeta` konvenuta kellha tibqa' tiehu l-ordnijiet taghha b'mod kontinwu u ininterrot, pero`, din il-prova ma saritx sodisfacentement. Meta parti tallega ksur ta' ftehim mitkub, il-provi relattivi jistghu jingiebu permess ta' xhieda; pero` meta l-ahjar prova tkun l-istess kitba, sakemm ma jigix pruvat li dik il-kitba tkun giet distrutta jew ma hiex producibbli, allura bir-ragun il-Qorti tinsisti ghall-produzzjoni ta' dik l-ahjar prova. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Cassano v. Pellegrini** deciza fis-16 ta' April, 1937, "hu biss meta jkun hemm cirkostanzi specjali li jistghu jispjegaw 'il ghaliex ma tistax issir il-prova solita li l-gudikant jista' jippermetti prova ohra li tissodisfah."

Is-socjeta` attrici ghamlet diversi allegazzjonijiet fil-kors tas-smiegh tal-provi tal-kaz mill-ewwel Qorti, u hafna minnhom gew kontestati mill-parti l-ohra. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tistax tighid li s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova l-kaz taghha, meta ma resqitx l-ahjar prova li kienu l-ftehim ta' bejn l-importaturi u l-istatut tal-kumpanija konvenuta.

Anke minn dak li xehed ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, wiehed jista' jghid li dik is-socjeta` ma jidhirx li agixxiet dejjem fl-interess tal-kumpanija konvenuta. Hekk, jirrizulta, li fl-1995 dan waqaf jattendi ghal-laqghat tas-socjeta` konvenuta, irrizenja minn direttur tal-kumpanija u mill-1 ta' Jannar 1996, beda jimporta hu direttament il-prodotti tieghu minghand id-ditta estera Tesco, bir-rizultat li din tal-ahhar itterminat ir-rapprezentanza eskluziva li

kienet tat lis-socjeta` konvenuta u qatghet il-kuntatti minn mal-istess socjeta`.
Ma tantx jidher li, *on the face of it*, dan kien xi agir leali da parti tas-socjeta` attrici, izda s-socjeta` ma wrietx li dak li ghamlet setghet taghmlu fit-termini tal-ftehim li kellha mal-importaturi l-ohra.

Lanqas ma seta' jigi pretiz illi l-Qorti kellha "tigwida" lil parti biex iggib il-prova jew l-ahjar prova li din setghet iggib qabel il-pronunzjament tad-decizjoni. Kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet **Grech v. Bartolo** deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Mejju 1998;

"…din il-Qorti ma tistax taccetta s-sottomissjoni tal-attur appellant li l-Artikolu 559 tal-Kap 12 kellu jigi nterpretat fis-sens illi jekk il-Qorti kellha xi dubju dwar element ta' prova, hi kellha tordna li ssir il-prova li riedet (sottlinear tal-Qorti). Il-prinicipju kien, u jibqa', illi l-Qorti tiddeciedi "*iuxta allegata et probata*", ghalkemm ma hemm xejn illi jimpedixxi lill-Qorti li titlob li ssir il-prova li hi jidhrilha li tkun mehtiega biex ahjar tapprezza l-fatti in kawza. Dan ma jfissirx li kien hemm xi obbligu fuq il-Qorti li tikkonduci l-provi tal-partijiet hi. L-Artikolu 559 tal-Kap 12 ifisser biss li l-Qorti ma kellhiex taccetta provi li ma kienux l-ahjar provi u li kellha dritt tesigi li tingieb dejjem l-ahjar prova."

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-talbiet tas-socjeta` appellanti ma jistghux jintlaqghu.
Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' din it-tieni istanza, ikunu a karigu tas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------